**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA, 17 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 439/01 AJD*

The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra, kif lokalment rappresentata hawn Malta mill-agenti taghha Dingli Co. International Limited

vs

Travellers Lodge Co. Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Gunju, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici hlas ta' Royalty fis-somma ta' hamsa u sebghin liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm75.28), kwantu ghal hamsa u sittin liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm65.46) Royalty u disa' liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm9.82) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Numru 9275 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Travellers Lodge, ghall-perijodu mis-6 ta' Awissu, 2000, sal-5 ta' Awissu, 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Avviz, dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Ottubru, 2000, u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Josette Attard, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sebghin liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm75.28) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR